## L-informazzjoni personali tiegħi tkun ipprovduta lil dipartimenti oħra tal-gvern?

Le. L-informazzjoni personali li tipprovdi fis-Census ma tingħatax lil xi dipartimenti oħra tal-gvern jew aġenziji, inkluż lill-pulizija, lill-Australian Taxation Office jew lil Centrelink.

L-ABS huwa marbut legalment biex jipproteġi l-privatezza tal-Awstraljani kollha u ma jgħaddi informazzjoni lil ħadd li b'xi mod tista' tidentifika lil xi individwu jew dar.

## X'jiġri mill-informazzjoni tiegħi meta jgħaddi s-Census?

Wara l-ġbir u l-ipproċessar tad-data, l-ABS ineħħi l-ismijiet u l-indirizzi minn informazzjoni oħra konnessa ma' djar. Ismijiet u indirizzi jinżammu separatament u b'sigurtà minn data oħra tas-Census. Ismijiet u indirizzi jinqerdu erba' snin wara li jinġabru jew aktar kmieni, meta ma jibqax aktar benefiċċju għall-komunità biex jinżammu.

## Is-Census huwa ta' bilfors?

Iva. Kull persuna fl-Awstralja minbarra diplomatiċi barranin u l-familji tagħhom għandhom jimlew is-Census, ikunu fejn ikunu fil-lejl tas-Census. Dan jinkludi lil dawk b' viża 457 u viżitaturi internazzjonali.

L-informazzjoni hija miġbura skont l-awtorità tal-*Att 1905 tas-Census u l-Istatistika*. Jista' jkun hemm multi jekk ma timliex is-Census meta tkun mitlub/a.

## Dati importanti

Dati importanti tas-Census:

- **L-1 ta' Awwissu, 2016**
  Jibda t-tqassim tal-ittri ta' struzzjonijiet u l-formuli
- **Id-9 ta' Awwissu, 2016**
  Il-lejl tas-Census
- **Is-26 ta' Awwissu, 2016**
  Jibdew iż-żjajjar tal-uffiċjali tas-Census
- **F'nofs l-2017**
  Joħorġu l-ewwel riżultati tas-Census 2016.

## Trid tkun taf aktar?

Għal aktar informazzjoni, mur fuq **census.abs.gov.au**



ID-9 TA' AWWISSU HUWA L-LEJL TAS-CENSUS (ĊENSIMENT).

**L-MUMENT TAGĦNA LI NIEQFU GĦAL FTIT U NAGĦMLU DIFFERENZA.**

**#MyCensus**



Census Australia

@ABSCensus

@ABSCensus

CensusAustralia

**#MyCensus**

Share your #MyCensus moment. See the T&Cs at **mycensus.abs.gov.au/terms**

Australian Bureau of Statistics

Census

census.abs.gov.au

**OUR MOMENT TO MAKE A DIFFERENCE**

ID-9 TA' AWWISSU HUWA L-LEJL TAS- CENSUS.

# HUWA MUMENT GĦALINA LKOLL BIEX **NIEQFU GĦAL FTIT**, U JKOLLNA SEHEM FIL-FORMAZZJONI TAL-FUTUR FL-AWSTRALJA.

### X'inhu s-Census?

Is-Census tal-Popolazzjoni u d-Djar (Census) huwa l-akbar ġabra ta' statistika fl-Awstralja li ssir mill-Australian Bureau of Statistics (ABS). Għal aktar minn 100 sena, is-Census ipprovda ritratt tal-Awstralja biex jgħin fil-formazzjoni tal-edukazzjoni, is-saħħa, it-trasport u l-infrastruttura tal-futur tan-nazzjon tagħna.

### Meta huwa s-Census?

Is-Census Awstraljan li jmiss se jsir fid-9 ta' Awwissu.

### X'ifisser is-Census għall-Awstralja?

Is-Census jipprovdi informazzjoni importanti dwar in-nies u l-ħajja tagħhom fid-dar fl-Awstralja. Jgħin fil-kalkulazzjoni tal-poplu fl-Awstralja, li tintuża fit-tqassim ta' fondi tal-gvern u fl-ippjanar ta' servizzi għall-komunitajiet kollha.

Fl-2016, is-Census mistenni li jlaħħaq vicin 10 miljun dar u kwazi 24 miljun persuna, l-akbar s'issa.

### Il-mili tas-Census tiegħek online

Fl-2016, aktar minn 15-il miljun persuna mistennija jimlew is-Census online.

### X'nistenna?

Mill-1 ta' Awwissu, il-biċċa l-kbira tad-djar jirċievu ittra mill-ABS, indirizzata 'To the Resident' (Lir-Resident).

L-ittra tkun tinkludi l-Login uniku tad-dar tiegħek għas-Census u l-istruzzjonijiet dwar kif timla s-Census online, kif ukoll direzzjonijiet kif tordna formula fuq il-karta.

### Nista' nuża t-tagħmir tal-idejn tiegħi biex nimla s-Cenus online?

Iva. Tista' timla s-Census kull fejn ikollok aċċess għall-internet billi tuża desktop, laptop, tablet jew tagħmir tal-mobile.

### Għaliex b'mod diġitali?

Il-mili tas-Census online jsir b'ħeffa, b'mod faċli, sigur u aħjar għall-ambjent u jgħin fit-tnaqqis tal-ispejjeż tas-Census lill-komunità.

### Nista' nimla s-Census fuq formula tal-karti?

Iva. Jekk ma jkollokx aċċess għall-internet jew tippreferi li timla formula fuq il-karta, kull m'għandek tagħmel huwa li ċċempel is-servizz awtomatiku għall-formula tal-karti. Ikollok bżonn in-numru tiegħek bi 12-il diġitu tal-Login tas-Census mill-ittra li tirċievi.

Formuli fuq il-karta għandhom jimtlew u jkunu rritornati fl-envelop bil-Bolla Mħallsa mingħajr dewmien – toqgħodx tistenna lill-Uffiċjal tas-Census biex jiġborha.

### Għandi bżonn interpretu. Fejn inċempel?

Jekk għandek bżonn interpretu biex jgħinek ċempel it-Translating and Interpreting Service (Translating and Interpreting Service - TIS National) fuq **131 450**.

### X'jagħmel l-ABS biex jiżgura l-privatezza tiegħi?

L-ABS jieħu l-privatezza b'serjetà kbira. Mingħajr il-fiduċja sħiħa tan-nies li l-informazzjoni tagħhom hija sigura, is-Census ma jistax jaħdem.

L-ABS jiżgura li l-ebda informazzjoni ma tinħareġ b'mod li dawk li jużaw data tas-Census ikunu jistgħu jidentifikaw xi individwu jew dar partikulari.

